*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

# Tmien Legislatura

## *Laqgħa numru 46*

***26 ta' Settembru 2018***

## *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Frank Zammit -Kunsillier

## *Assenti*

Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

## *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

## *46.1* Diskussjoni fuq il-Mixja mill-Kunsill Lokali tal-Marsa

46.1.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li bħalma ġie miftiehem il-gimgħa l-oħra l-Kunsill iltaqgħa sabiex jiddiskuti l-mozzjoni tal-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer dwar mixja ta' solidarjeta' mall-poplu Marsi. Hawnhekk is-Sindku emfasizza l-bżonn li qabel ma ssir mixja, irid ikun hemm l-ewwelnett konsultazzjoni ma kull awtorita' tal-Gvern kif ukoll fuq bażi ta' Partit li lkoll kemm aħna nirrappreżentaw dwar dawk l-affarijiet li fl-opinjoni tal-Kunsill kollu kif ukoll tar-residenti qed ikunu ta' skumdita', nkonvenjent u li qed jitfa' l-lokal lura.

46.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li huwa ma biddilx l-fehma tiegħu dwar il-bzonn li ssir mixja, madanakollu jaqbel li qabel xejn tajjeb li ssir konsultazzjoni mar-residenti tal-lokal bħalma dejjem sar fl-imgħoddi. Huwa żied jgħid li l-problemi li hawn fil-Marsa issa huma 'out of hand' u huwa difficli li jissolvew mill-lum għal għada.

46.1.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li hemm bżonn li l-Kunsill jibqgħa jagħmel pressjoni mall-awtoritajiet sabiex il-Marsin jieħdu dak li ħaqqhom. Huwa qal ukoll li l-unika raġuni għalfejn il-Kunsill qed jagħmel dawn l-isforzi huwa għaliex inħobbu l-lokalita'.

46.1.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono żied jgħid li l-Kunsill iltaqgħa ma diversi awtoritajiet u ġejna imwegħdin diversi affarijiet. Huwa saħaq li dak li ġie imwiegħed il-Kunsill għandhu jieħdu u jippretendi li jieħdu. B'hekk hemm bżonn li jkomplu jsiru diskussjonijiet ta' ftehim biex il-Kunsill ikun jista' jippreżentahom lir-residenti tal-Marsa.

46.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li sall-lum ma hemm l-ebda persuna li qed jieħu responsabbilita' għal dak li qed jiġri fil-lokal. Min naħa l-oħra l-Kunsill dejjem jaqla' ġewwa fih għaliex ir-residenti jħarsu lejna bħala Kunsill għal dak li qed jiġri fil-lokalita'.

46.1.6 Is-Sindku s-Sur Francsis Debono kkonkluda l-laqgħa billi saħaq li kull ftehim li jsir mall-Kunsill għandhu ikun wieħed bil-miktub, fejn jiġi ppreżentat iktar il-quddiem lir-residenti tal-lokal flimkien ma dawk l-awtoritajiet li jkun sar dan il-ftehim. Jekk anke hawn il-Kunsill ma jasalx huwa jirriserva d-dritt li jieħu kull azzjoni neċessarja biex nissalvagwardjaw lir-residenti u kif ukoll il-lokal.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermata llum 17 t'Ottubru 2018